# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 54

It-Tlieta 20 ta' Settembru 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar it-Tlieta 20 ta' Settembru 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

54.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Mark Busuttil u l-Kunsilliera Juliet Attard infurmaw lill-Kunsill li ser ikunu indisposti. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

54.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 53 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

54.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

54.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

54.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri stqarr li bi qbil unanimu mal-membri kollha tal-Kunsill, ġie deċiż li l-laqgħa tal-lum tiġi skedata li tibda fis-6.00 ta' filgħaxija minflok fil-5.00 ta' filgħaxija sabiex il-membri setgħu jattendu għall-funeral tat-tifel tas-Sur Paul Curmi, ex-Sindku u ex-Kunsillier fi ħdan il-Kunsill Lokali Il-Munxar. Is-Sindku ħa l-okkażjoni sabiex ta l-kondoljanzi lill-familjari kollha f'dan il-mument diffiċli għalihom.

54.3.2 Is-Sindku, wara suġġeriment mill-Kappilan tal-Munxar, ippropona sabiex issir attivita' b'kollaborazzjoni mal-parroċċa fejn ser jiġi mfakkar San Frangisk u jsir it-tberik tal-annimali nhar id-9 t'Ottubru 2022 wara l-quddiesa tat-8.30am. Bi qbil bejn il-membri preżenti, l-Kunsill ser ikun qed iħallas għas-servizzi ta' banda minn grupp ta' *scouts* għal din l-attivita'.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

54.3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-ġita kulturali fl-Italja (Toscan u Liguria) kienet waħda ta' suċċess grazzi għall-iskema kulturali maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Għawdex.

## 54.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

54.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

## 54.5 Proġetti fil-Lokalita';

54.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġie iffirmat il-kuntratt tax-xogħlijiet fuq is-sistema l-ġdida tad-dawl ta' Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina bħala parti mill-iskema SPI/SCI/2/2021 Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-playing fields fil-lokalitajiet.

54.5.2 Is-Sindku, Damien Spiteri, għarraf lill-membri li fir-rigward tal-proġett ta' restawr tat-torri tax-Xlendi tlesta x-xogħol ta' manifatturia tal-istrutturi tal-ħadid li ser jintużaw għall-*information boards* u *railing* tat-taraġ li jagħti għas-sular ta' isfel u issa dan il-materjal ser ikun qed jiġi ggalvanizzat.
Saret diskussjoni bejn il-membri dwar l-aċċessibilta' għal dan is-sit mill-pubbliku hekk kif jitlesta x-xogħol u kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jieħu parir minn tekniċi u tintalab l-assistenza tal-Ministeru Għal Għawdex.

54.5.3 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ottjena l-permessi neċessarji biex isir il-proġett taħt l-iskema SPI/SCI/3/2020 Finanzjament Proġetti Kapitali Aċċessibilta' u Mobilita' biex isir pavimentar fi Triq Dun Spir Gauci k/m Triq Żgħawri fil-Munxar u saret talba għall-estensjoni tad-data tat-tlestija ta' dan il-proġett sal-aħħar ta' Ġunju 2023.

## 54.6 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

54.6.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex b'informazzjoni dwar skema maħruġa mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża sabiex il-Kunsilli Lokali jressqu proposti ta' proġetti infrastrutturali mmirati lejn it-tkabbir ekonomiku,

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

il-protezzjoni ambjentali u l-benesseri soċjali b'inizjattivi sostenibbli. Is-Sindku ppropona sabiex tiġi sottemessa applikazzjoni biex isir pavimentar, railings ġodda u tibdil tad-dawl eżistenti fi tlett turġien li jeħduk minn Triq San Xmun għall-Bajja tax-Xlendi. Dan il-proġett hu stmat li se jiġi jiswa €368,124 li minn din l-iskema l-Kunsill jista' jibbenefika sa €300,000. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

54.6.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-aġenzija LESA dwar skema ta' fondi għall-proġetti fil-komunitajiet mill-Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-fondi.

54.6.3 Il-Kunsill irċieva approvazzjoni mill-bord tal-awtorita' ta' ġestjoni tal-fondi ewropej tal-miżura 4.4 għall-estensjoni tal-proġett ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ f'diversi siti madwar il-loklaita', sal-aħħar ta' Diċembru 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar akkumulazzjoni ta' *vacation leave* biex jiġu trasferiti għas-sena 2023. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill sabiex 112 siegħat jiġu trasferiti għas-sena 2023. L-iskrivana u l-Assistent Prinċipali tal-Kunsill ukoll ressqu t-talba tagħhom għat-trasferiment ta' 112 siegħat għas-sena 2023. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan it-trasferiment tal-*vacation leave*.

54.6.5 Ċirkulari SPI/SCI/9/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom. Is-Sindku informa lill-membri li l-istima tal-Perit għall-proġett tad-daħla tar-raħal fi Triq Santa Dminka tammonta għal €256,432.17 eskluż il-VAT li parti minn din is-somma ser tiġi ffinanzjata minn din l-iskema. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan u biex tiġi ssottomessa din l-applikazzjoni għal dan il-proġett.

54.6.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand *The Energy and Water Agency* dwar l-installazzjoni ta' *charging pillar* fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Il-Kunsill wieġeb li m'għandux oġġezzjoni dwar dan u s-Sindku għarrafhom li l-aħħar komunikat mal-Ministeru Għall-Ambjent, L-Enerġija u L-Intrapriża kien li ser jitqabbad kuntrattur min-naħħa tagħhom biex isir ix-xogħol meħtieġ.

54.6.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Ministeru Għal Għawdex dwar il-programm *Christmas in Gozo 2022*. Kien hemm qbil mill-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

membri sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni għal għajnuna finanzjarja biex jittella' programm t'attivitajiet fi żmien il-Milied.

54.6.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar l-użu effiċjenti tal-enerġija. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.9 Ċirkulari UPM 14/2022 – Il-Mewt tal-Maesta' Tagħha r-Reġina Elizabetta II – Jum ta' Luttu. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.10 Ċirkulari Nru AKL 2022/082 – Sigurta' ħdejn l-iskejjel. Il-Kunsill innota l-kontenut madanakollu innota wkoll li fil-lokalita' m'hemmx skejjel.

54.6.11 Ċirkulari Nru AKL 2022/083 – Taħriġ Finanzjarju għall-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi u Ħaddiema. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.12 Ċirkulari Nru AKL 2022/084 – Masters fil-Governanza u Immaniġjar (MQF 7). Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.13 Ċirkulari Nru AKL 2022/085 – Dati ta' għeluq snin Sindki, Kunsilliera, SE u ħaddiema. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.14 Ċirkulari Nru AKL 2022/086 – Sessjoni Informattiva – Direttorat għal Żvilupp Sostenibbli. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.15 Ċirkulari Nru AKL 2022/087 – Proġett – 30 Anniversarju Gvern Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u elenka s-serrieq rapreżentat fl-istemma tal-Kunsill, il-bajja tax-Xlendi u l-appostlu San Pawl patrun tal-parroċċa bħala affarijiet sinonimi mal-lokalita' tal-Munxar.

54.6.16 Ċirkulari Nru AKL 2022/088 – Parteċipazzjoni fil-programm 'Illum ma' Steph' għas-sena 2022 / 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.17 Ċirkulari Nru AKL 2022/089 – European Local Democracy Week 22/23 t'Ottubru 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.18 Ċirkulari Nru AKL 2022/090 – Infrastructure Malta – Plan for Interventions on Rural roads. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.19 Ċirkulari Nru AKL 2022/091 – Tindif ta' Culverts. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR

54.6.20 Ilment 42/2022
Residenta tilmenta dwar ipparkjar illegali ta' vetturi fi Triq Il-Puniċi fix-Xlendi li qed jimblukkaw it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li dan l-ilment għadda għand il-Pulizija tal-Komunita' immedjatament u ttieħdet azzjoni.

54.6.21 Ilment 43/2022
Residenta tilmenta dwar skart fi Triq ir-Rumani li qed jitpoġġa viċin ir-residenza tagħha taħt tabella biex ma jitpoġġiex skart f'dak il-post. Is-Sindku għarraf lill-membri li x'ħin inġabret l-informazzjoni dwar il-każ, irriżulta li l-iskart qed jitpoġġa mill-ġarr ta' din ir-residenza quddiem il-proprjeta' tiegħu stess u l-Kunsill m'għandux jidħol f'kwistjonijiet privati.

## 54.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

54.7.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 54/2022-8 għall-perjodu bejn is-26 t'Awwissu 2022 u l-20 ta' Settembru 2022 li tammonta għal €35,161.41 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmen Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Joseph Cauchi is-sekondant.

## 54.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

54.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 20 t'Ottubru 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 20 t'Ottubru 2022.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv